MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 138/1994/2

**Victor Deguara**

**vs**

**George Bonnici u Alan Bonnici it-tnejn bhala Diretturi f'isem u in rapprezentanza tas-socjeta' Bonfam (Insurance Services) Limited u din bhala Agenti u/jew rapprezentanti tas-socjeta' estera assikuratrici Gresham Fire and Accident Insurance Society Limited.**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

1. Illi huwa dahal f'polza ta' assikurazzjoni mas-socjeta' Bonfam (Insurance Services) Limited ghan-nom tas-socjeta' asskuratrici estera assikuratrici Gresham Fire and Accident Insurance Society Limited kontra r-riskji indikati

fil-polza Dok. `A' li kienet tkopri s-serq fil-kontenut tal-fond Highlander Bar & Restaurant.

2. Illi l-fond gie misruq fl-10 ta' Ottubru 1992; liema oggetti nieqsa gew ahjar deskritti fi statement li l-attur ghamel lill-Pulizija u kif ahjar indikat fil-kopja tal-inkjesta tal-Magistrat Dok `B';

3. Illi s-socjeta' konvenuta' giet interpellata thallas;

Ghal dawn ir-ragunijiet l-attur qed jitlob li jigi dikjarat illi a tenur tal-Polza is-socjeta' konvenuta hija responsabbli li tirrisarcixxi lill-attur ghall-oggetti tas-serq; li jigi likwidat il-kumpens dovut u li s-socjeta’ konvenuta nomine tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma hekk likwidata;

Bl-imghax u bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta nomine fejn gie eccepit:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati preliminarjament a tenur tal-klawsola 6 (a) tal-Polza peress illi l-allegata serqa ma kienetx tinvolvi "entry to or exit from the Premises by forcible and violent means".

2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess l-eccipjenti nomine m'humiex obbligati jindenizzaw lill-attur a tenur tal-Artikolu 6 (a) (ii) tal-Polza peress illi s-serqa saret mis-socju jew persuna interessata fin-negozju tal-istess attur.

3. Fit-tielet lok, dejjem bla pregudizzju ghas-suespost l-attur kiser il-klawsoli tlieta (3) u hamsa (5) tal-"General Policy Conditions" tal-Polza u konsegwentement tilef kull beneficcju illi talvolta seta kellu fir-rigward.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti (diversament preseduta), li matulha nstemghat id-deposizzjoni tal-attur.

Semghat lill-konvenut George Bonnici.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta nomine dwar l-ewwel eccezzjoni taghha.

Rat is-sentenza taghha tal-10 ta' Ottubru 1996 li biha giet michuda l-istess l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta.

Semghat lill-attur u lix-xhieda minnu prodotti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta' konvenuta fejn giet eccepita l-carenza ta' interess guridiku da parti tal-attur u d-dikjarazzjoni guramentata relattiva.

Rat li l-partijiet iddikjaraw li l-kawza setghet tigi differita sabiex tinghata s-sentenza dwar l-eccezzjoni ulterjuri.

Rat is-sentenza taghha tas-7 ta' Novembru 2008 li biha giet akkolta l-istess eccezzjoni ulterjuri pero' kwantu ghal 75% tal-valur tal-oggetti in kwestjoni.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:**

**Konsideraazzjonijiet ta' fatt**

Jirriżulta illi fl-10 ta' Ottubru 1992 saret serqa mill-fond Highlander Pub and Restaurant, Triq Elia Zammit Paceville. Dan il-fond kien assikurat b'polza tal-assigurazzjoni kontra kull riskju, inkluż is-serq, mas-soċjetà konvenuta nomine, li qed tirrifjuta li tirrisarcixxi l-

valur tal-oggetti misruqa u ghalhekk gew inizjati l-presenti proceduri. Jirrizulta ukoll li kien instab responsabbli ghas-serqa in kwestjoni s-soċju tal-attur.

Konsiderazzjonijiet legali

In vista ta kif evolvew il-prceduri, fadal li l-ewwel jigu decizi t-tieni u t-tielet eċċezzjoni tas-socjeta konvenuta nomine u finalment it-talbiet attrici. Kif gia rilevat l-ewwel eċċezzjoni tas-socjeta' konvenuta nomine ġiet michuda permezz tal-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Ottubru 1996 (fol.63), u bid-deċiżjoni tas-7 ta' Novembru 2008 (fol.213) ġiet deċiża l-eċċezzjoni ulterjuri dwar il-karenza tal-interess ġuridiku u tali eccezzjoni giet akkolta pero' limitatament għar-rigward ta' 75 % tal-valur tal-oġġetti in kwistjoni.

Fit-tieni eccezzjoni taghha s-socjeta' konvenuta nomine tisottometti li hi mhux obbligata li tindennizza lill-attur a tenur tal-artikolu 6 (a)(ii) tal-Polza stante li, kif gia rilevat, is-serqa in kwestjoni giet imwettqa minn socju jew persuna li kienet effettivament involuta fil-gestjoni tan-negozju tal-attur. Il-klawsola in kwestjoni, in effett, testwalment tipprovdi kif gej – "The Insurer shall by payment or at its option by repair replacement or reinstatment indemnify the Insured in respect of loss or damage to the Property Insured described in the Schedule from any of the following causes ... Theft or any attempt thereat - Involving entry to or exit from the Premises by forcible and violent means excluding loss or damage ….. Occassioned by any employee of the Insured or any person lawfully on the Premises."

In vista tal-imsemmija klawsola fil-poza kwalunkwe serqa, li tkun l-operat ta' xi impjegat jew ta' kull min ghandu d-dritt li legalment ikun fil-post tan-negozju, mhux koperta bil-polza. Jirrizulta li b'sentenza tal-Qorti kompetenti datata 25 ta' Marzu 1997 (fol 105) Francis sive Frank Gough instab ħati ta' serq ta' diversi oġġetti mill-Highlander Pub għad-detriment ta' Victor Deguara kif ukoll

illi waqt li kien taħt impressjoni illi kellu xi dritt iddisturba l-pussess tal-proprjeta' l-Highlander Bar, proprjetà tal-attur. Fiż-żmien tas-serqa l-attur kellu bhala socju u sieheb tieghu fin-negozju ġestit fil-fond fejn saret is-serqa appuntu lill-imsemmi Francis sive Frank Gough. (Vide fol.37 u 38).

F'dan ir-rigward l-attur iddepona li – "Fiż-żmien meta kienet saret is-serqa, proprjetarji konna jiena u ċertu Frank Gough li konna ukoll niġġestixxu n-negozju f'dan il-fond pero iktar kien involut f'din il-ġestjoni l-imsemmi Frank Gough." (fol.79). In effett jirrizulta li l-imsemmi negozju kien gestit minn socjeta' kummercjali li taghha kienu azzjonisti kemm l-attur kif ukoll l-imsemmi Gough.

It-tifsira ta' 'impjegat' jew haddiem, skond il-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali) hi "impjegat li jaħdem jew li soltu jaħdem jew li jkun qed ifittex xogħol – (a) taħt kuntratt ta' impieg; jew (b) taħt xi kuntratt (sew imfisser jew mifhum u, jekk imfisser, sew verbali jew bil-miktub) li bih jintrabat li jagħmel jew jaqdi personalment kull xogħol jew servizzi għal parti oħra fil-kuntratt li ma tkunx klijent professjonali tiegħu; jew (ċ) f'impieg taħt jew għall-finijiet ta' xi dipartiment tal-Gvern, barra minn bħala membru ta' forza dixxiplinata, safejn kull impieg bħal dak ma jkunx jaqa' taħt il-paragrafu (a) jew (b), u dwar tilwima ta' xogħol li fiha prinċipal ikun parti, "ħaddiem" tinkludi kull ħaddiem ukoll jekk ma jkunx impjegat minn dak il-prinċipal.

Kwindi in vista ta' din it-tifsira u in vista tal-rizultanzi, Frank Gough ma jista qatt ikun ikkonsidrat li kien impjegat. Gough kien socju fin-negozju. F'dan l-istadju jrid jigi deciz jekk Gough kellux dritt legali li jkun fuq il-post fejn sehhet is-serqa. Kif gie ritenut fl-imsemmija sentenza, li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, s-serqa in kwestjoni sehhet wara li sar sgass. In vista ta' dan il-fatt, jista jinghad li Gough dahal fil-post jew hanut b'mod illectu. Ghandu, pero', jigi kkonsidrat li Gough kien azjonista tas-socjeta' kummercjali li kienet qed tmexxi n-negozju u konsegwentement kien wiehed mis-sdien u bhala tali kellu d-dritt li jkun presenti fil-hanut. Hawnhekk

tiskatta l-imsemmija klawsola fil-polza relattiva u kwindi ma jistax jinghad li s-serqa in kwestjoni hi koperta bil-polza. Ghalhekk it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta jisthoqqilha li tigi akkolta.

Peress li ser tigi milqughha t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda. Konsegwentement mhux il-kaz li tigi ezaminata u deciza t-tielet eccezzjoni.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi fl-ewwel lok billi tilqa t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta nomine u konsegwentement u fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha attrici.

In vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz l-ispejjez kollha jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------